**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 25 – 19 ta' Ottubru 2016**

***Minuti tal-25 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 19 ta' Ottubru, 2016 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:15 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 25. Il-laqgha bdiet fis-6:20 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Hadd** | |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Nru. 24**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha numru 24 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi .

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Chris Bongailas Clive Azzopardi, Vernalise Scicluna, Kevin Glynn, u Philip Said.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: George Cortis

Il-Minuti gew approvati (101).

**2. Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Is-Sindku Sarah Agius qalet li bosta genituri kienu qed jilmentaw dwar il-periklu li qed jiffacjaw waqt li jidhlu u johorgu t-tfal mill-iskola. Il-kunsill talab lill-TM taghmel laqgha fejn ikun hemm anke l-iSpettur ta' Haz-Zebbug prezenti. Din il-laqgha filfatt ghandha ssir il-Gimgha 21 t'Ottubru.

**3. Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku Sarah Agius dwar sigra li hemm fi Triq il-Madonna. Hija nfurmat lill-Kunsill li l-Pulizija gew avzati biex jaghlqu taht is-sigra bit-tape sakemm ma jinhareg il-permess neccessarju minghand il-Mepa sabiex isir "surgical trimming".

3.2 Meta issemma li ser tigi diskussa t-tema PA06096/16, dwar St. Philip' s Bar & Restaurant, il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ser jastjeni mid-diskussjoni u ghalhekk qam minn mal-mejda tal-Kunsill. Wara diskussjoni dwar PA06096/16, gie deciz li l-Kunsill isib oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni, minhabba li ma jaqbilx ma' extension tal-bankina fi Triq Sciortino u li fuqha jsiru strutturi ohra.

3.3 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li kellha laqgha mal-Baden Powell Scout Group. Dawn talbu li l-Kunsill jipprovdi post fejn ikunu jistghu jiltaqghu darba fil-gimgha. Il-Kunsill qabel li dan il-Grupp jithalla jiltaqa l-librerija.

3.4 Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-madum tal-bankini ta' Vjal il-Helsien issa tranga. Il-Kunsill qabel unanimament li minhabba li ma baqax aktar madum ta' dan it-tip, ghandha ssir ordni ohra

sabiex tinzamm bhala ‘stock’ ghal dak li jista jinqala’. Gie maqbul ukoll li mad-dawra ta’ fejn l-S Club jitwahlu U-Bars sabiex ma jipparkjawx aktar karozzi fuq il-bankina.

3.5 Gie maqbul li tintalab stima lill-kuntrattur attwali tad-dwal tal-Milied, bi stima ghal pjazza, Triq Sciortino u Vjal il-Helsien separatament.

**4. Jum Haz-Zebbug**

4.1 Il-Kunsillier Philip Said qal li prepara l-programm ta’ kif ser titqassam s-serata ta’ Jum Haz-Zebbug li ser issir fis-Sala Parokkjali. Sadanittant gie approvat unanimament ir-rapport ta’ hidma li gie mhejji mis-Segretarju Ezekuttiv.

**5. Gnien l-Infetti**

5.1 Is-Sindku Sarah Agius qalet li hi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-ftehim flimkien mad-Dipartiment sabiex jinghataw fondi ghall-Progett Kapitali li filkaz tal-Kunsill taghna ser ikun fi Gnien l-Infetti. L-ammont li ser jinghata ghall-ewwel sena huwa ta’ Eur25,000 filwaqt li hemm il-possibilita li l-kunsill jinghata aktar fondi, fit-tieni sena.

5.2 Sadanittant il-Kunsill unanimament hatar lill-Kunsillier u Perit Christopher Bongailas sabiex ihejji l-pjanti u jikkordina dan il-progett, minghajr ebda hlasijiet.

**6. Vot-Tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius resqet il-lista ta’pagamenti ghall-vot. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti.

Ittiehed vot. Il-Kunsilliera Vernalise Scicluna astjeniet minn punt nru 6 u 15 u 16. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena minn punti 1, 6 u 8, filwaqt li Kunsillier Christopher Bongailas astjena minn punt 4. Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-vot tal-flus (102).

**7. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

7.1 Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li qed jidhru diversi kummenti fuq facebook, u li hu qed jirrispondi fil-laqgha ghax dak li jinghad fil-laqgha, jigi rrekordjat fil-minuti. Dwar attivitajiet, huwa qal li ma jistax jaghmel paragun ma’ dak li jsir Hal Qormi. Il-Kunsill jaghti ammont lill-

kazini. Dawn jarmaw u jfittxu sponsors huma, imbaghad jekk ikun hemm xi qliegh, dan ikun ghalihom. Filkaz ta’ Haz-Zebbug, huwa difficli sabiex jingabru sponsors minghand il-komunita kummercjali. Huwa zied jghid li l-iskema tal-PPP li ghadha qed tigi mhallsa, saret bil-permess tal-Gvern Centrali u tad-Dipartiment, u kienet tehtieg pjan fit-tul ta’ kif isiru l-hlasijiet.

7.2 Il-Kunsillier Roderick Aquilina li c-cittadin ghandu dritt igerger jekk ma tkunx saritlu t-triq, pero ghandha ssir distinzjoni bejn min ghandu ragun igerger u min le.

**8. <u>Aggornament</u>**

Gie deciz li l-laqgha li jmiss issir fid-9 ta’ Novembru 2016 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |